NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Settembru - Ottubru 1990 No. 56

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

# Għaref kemm Int għaref dejjem baqa x'titgħallem

Meta x-xahar ta' Settembru joqrob lejn tmiemu, nibdew nisimgħu f'widnejna avviżi kontra avviżi dwar it-tagħlim tad-Duttrina għat-tfal tagħna. Ħinijiet, ġranet, programmi. Nistgħu ngħidu li ftit huma dawk il-ġenituri li ma jagħtux każ ta' dawn l-avviżi, bil-konsegwenza li ix-xahar ta' Ottubru jara l-klassijiet kollha tal-Museum u taċ-ċentri l-oħra tad-Duttrina mimlija daqs bajda.

*Nistgħu inserrħu rasna b'daqshekk???*

L-anqas xejn! Illum xtaqt inpoġġi quddiemkom tlett affarijiet li jinkwetawni, u miegħi jinkwetaw lil kull min għandu għal-qalbu l-formazzjoni nisranija soda tagħna lkoll.

L-Ewwelnett: li kieku kellna nagħmlu daqsxejn ta' **graph** dwar l-attendenza tat-tfal fil-klassijiet tad-duttrina konna niskopru li dan il-graph jibda' għoli ħafna, jibqa' sejjer hekk, kważi f'linja dritta sa' Diċembru, imbagħad ma' Jannar jibda' in-niżla l-isfel. Niżla wieqfa, li turi li n-numru ta' dawk it-tfal li jattendu d-duttrina jkun naqas u naqas sew.

Għaliex? X'ikun ġara? Hemm ħafna raġunijiet. It-tfal ibbumbardjati b'kull xorta ta' privatijiet, studju, homework u xi attivitajiet oħra, jibdew inaqqsu mid-duttrina. Il-ġenituri li jkunu bdew b'ċertu entużjażmu tal-bidu, jibirdu. L-interess tagħhom jixxiftjawh minn fuq it-tagħlim tad-duttrina, għal fuq l-iskola, l-privat, l-eżamijiet.

L-uniċi żewġ klassijiet li kważi kważi jibqgħu għaddejja huma dawk li jħejju it-tfal għall-Ewwel Tqarbina u dawk tal-Griżma. Ta' min isaqsi: għaliex jiġri dan? Hemm aktar għaqal f'dawn il-klassijiet, jew għax jibżgħu li jekk ma jattendux għad-duttrina uliedhom ma jitħallewx jagħmlu l-Ewwel Tqarbina jew il-Griżma? Mela allura bi ftit impenn kapaċi naraw li uliedna kollha, anke dawk li jiffrekwentaw klassijiet oħra, jibqgħu jattendu ta' kuljum matul is-sena kollha.

It-tieni ħaġa li tinkwetani hija ż-żgħażagħ tagħna. Fejn qegħdin imorru? X'Laqgħat qed isiru għalihom? Huwa veru li fir-Rabat għandna l-Oratorju Don Bosco li għandu diversi attivitajiet miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ. Iżda ż-żgħażagħ kollha jattendu? Il-ġenituri qed iħossuhom responsabbli li jaraw li uliedhom żgħażagħ jattendu għal-laqgħat li jsirulhom? Qegħdin jinkoraġġuhom? Għaliex għall-ħafna ġenituri l-klassijiet tal-Griżma ta' l-Isqof tfisser l-aħħar klassi tat-tagħlim nisrani? Possibbli ma aħniex nittendu li fl-agħar żmien tal-ħajja, dawn uliedna, flok jattendu għal-laqgħat ta' formazzjoni li jgħinuhom jegħlbu t-tfixkil kollu li miegħu jiltaqgħu, qed inħalluhom sajmin għall-kollox u mitluqgħin bħal qasba li tixxejjer mar-riħ?

Min iħobb verament lill-uliedu jiġri warajjhom, u jindukrahom u jħajjarhom jibqgħu jitgħallmu u jiffurmaw ruħhom.

U niġi għall-aħħar ħaġa li tinkwetani: il-ġenituri infushom. Ejjew inkunu sinċieri: kemm ġenituri u koppji miżżewġa jħossu l-ħtieġa li huma stess jattendu għal-laqgħat li jsiru għalihom ta' kull xahar fil-parroċċa.

Kemm huma dawk l-irġiel li jiġu għall-quddiesa li ssir għalihom, u li fiha jkun hemm ukoll taħdita, kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar? Xi kultant tiġni t-tentazzjoni li ngħid: "Daqshekk biss hawn IRĠIEL fir-Rabat?"

Il-laqgħa tan-nisa li ssir kull tieni Erbgħa tax-xahar fid-9.30a.m. toffri l-opportunità biex dawn in-nisa miżżewġa u oħrajn li ma humiex jitgħallmu dwar diversi aspetti tal-Knisja li jiffurmaw parti minnha. Kif tista' omm tibgħat lill-uliedha d-duttrina meta hi stess ma tħossx il-ħtieġa li

*Ikompli f'pagna 2.*

**Tinsiex l-Offerta tiegħek għar-Rivista**

Poġġi l-Offerta tiegħek fl-envelope u għaddieh lil min iġiblek il-Bullettin jew fl-Ufficcju Parrokkjali. *Grazzi.*

IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*
*Uffiċċju Editorjali:*
**Centru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
**Tel: 556377**

***Membri Ġodda fil-Komunita Parrokkjali:***

23.6.90: RUTH, bint George Scicluna u Miriam neè Vassallo
28.7.90: EDWARD JOHN, iben Charles Mercieca u Denise neè Scicluna
4.8.90: KURT, iben Raymond Gauci u Sandra neè Camilleri
21.7.90: JESSICA-LOUISE, bint Martin Peter Moore u Lilly neè Sacco.
18.8.90: NYAM, bint Richard Ellis u Georgina neè Cassar
28.8.90: MATTHEW, iben George Borg u Tania neè Galea
1.9.90: LUKE, iben George Sultana u Roseanne neè Vella
9.9.90: OLIVER, iben Lawrence Saliba u Antoinette neè Vassallo

***Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ***

7.7.90: George Camilleri u Monique Mizzi
5.8.90: George Camilleri u Elizabeth Frendo
18.8.90: Joseph Mizzi (Għarb) u Frances Farrugia
19.8.90: Marco Fenech (Għ'Sielem) u Carmen Grech
25.8.90: John Sultana (Kercem) u Josephine Grech
1.9.90: Michael Zammit u Marthese Mercieca
2.9.90: Mario Grech u Anna Maria Mizzi
9.9.90: Robert Sciberras u Patricia Saliba
8.9.90: Noel Curmi (Sannat) u Georgina Cassar
15.9.90: Paul Portelli u Margot Psaila (Attard: Malta)

***Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat:***

25.6.90: Carmelo Farrugia
30.6.90: Rosa Micallef
1.7.90: Felix Sillato
2.7.90: Marija Vella
15.7.90: Carmela Pace

**Ħinijiet tal-Quddies fil-għaxija:**

***Matul Ottubru***

***ĦDUD:*** 4.00 p.m. u 5.30 p.m.
***MATUL IL-ĠIMGĦA;*** 5.00 u 6.30 p.m.

## *Editorjal*

### MILL-ĠDID GĦALL-ĦAJJA NORMALI

Meta tieħdu f'idejkom din il-ħarġa tar-Rivista, l-ħajja f'Beltna u gżiritna tkun kważi reġgħet ġiet għan-normal.

Għaddew il-festi kollha. Spiċċaw il-qtajja ta' maltin u barranin fit-toroq u fil-bajjiet tagħna. Naqas ħafna t-traffiku li kellna. L-iskejjel reġgħu fetħu l-bibien tagħhom. L-għawm kważi spiċċa għal kollox u min mar villeġġjatura rritorna lura f'daru. Fix-xhur li ġejjin kollox jerġa jieħu postu. J'Alla ix-xhur tal-mistrieħ ma ġabu l-ebda ħsara, għax daż-żmien dawn ix-xhur saru ukoll żmenijiet ta' periklu morali għall-bosta u bosta żgħażagħ għawdxin.

Għalhekk issa nerġgħu nibdew il-ħajja tagħna madwar il-parroċċa. L-attivitajiet naturalment ma jonqsu qatt, u tieħu ġost tara l-interess jikber. Jerġgħu jibdew il-laqgħat. Jerġa' jibda' it-tagħlim tad-duttrina. J'Alla l-opportunitajiet li ta' kull sena toffrilna l-parroċċa ma jtirx mar-riħ. J'Alla naħtfu kull ċans li jiġina biex nitgħallmu iktar insaħħu l-fidi tagħna.

Dan hu l-awgurju tagħna fil-bidu tas-sena soċjali. J'Alla kull membru tal-Komunità Parrokkjali jħoss li għandu jaqdi dejjem u aħjar dmirijietu ta' nisrani.

### ĠABRA ĊKEJKNA

Issa drajniha! Ta' kull sena, mal-ħarġa ta' Settembru/Ottubru nqassmu envelope biex fih kull familja tpoġġi l-offerta tagħha b'risq din ir-rivista. Is-Sagrificcji biex jinġabru l-materjal, u l-ħidma mitluba sakemm ir-rivista tasal f'idejkom... mhumiex żgħar.

Kull ħarġa qed tiġi tiswielna mal-**MITT LIRA**.

Għalhekk hija ħaġa sewwa li **darba f'sena** noffru imqar **ħamsin ċenteżmu** biex jittaffew ftit l-ispejjeż li jkollna. Bi pjaċir ngħidu li ħafna familji jifhmu din il-problema u jkunu pronti biex jgħinu, u jagħtu minnufih l-għotja tagħhom. Hemm oħrajn li forsi frott l-apatija jew xi ħaġa oħra, jinsew. Aħna nħallu f'idejkom: u nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-għotja tagħkom.

*Jaqbad minn paġna 1.*

titgħallem u tmur għal-laqgħat li jsiru għan-nisa bħalha?

X'ingħidu għal-laqgħa tal-koppji miżżewġa? Naf li jkun hemm ħafna problemi li jtellfu; iżda fejn il-koppji tagħraf il-ħtieġa ta' dawn il-laqgħat, hija tkun lesta għal-kwalunkwe sagrificcju biex tattendi.

Għalhekk ejjew naħdmu iktar flimkien f'din is-sena soċjali li ser nibdew ma' Ottubru. Ċentri tad-duttrina għandna; katekisti ddedikati għandna ukoll; laqgħat għall-kategoriji issibhom f'kull parroċċa; għaqdiet reliġjużi, Legion of Mary, Museum, Azzjoni Kattolika lkoll jinsabu jaħdmu b'ħeġġa fil-parroċċa. Jonqos biss is-sehem tagħna....jonqos biss li nifhmu li għaref kemm jien għaref dejjem hemm lok għal tagħlim ieħor....jonqos biss rieda tajba li tissarraf f'formazzjoni soda nisranija li żgur tkun garanzija għaż-żmien li ġej.

# Lourdes : Il-Belt li ma' ninsa qatt



Bil-kemm ridt nemmen lili nnifsi! Kienu kważi kważi t-tlieta ta' filgħodu tat-30 ta' Lulju li għadda, meta mis-sħana ta' l-ajruplan feġġejt fuq it-tarag li minnu tinżel mill-ajruplan u ħadt nifs kbir 'il ġewwa u l-pulmuni tiegħi imtlew bl-ajra pura u kiesħa ta' Lourdes. Il-ħolma li dejjem ħlomt, issa kienet qed issir realta'.

Konna b'kollox ħamsin ruħ, mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Fi ftit minuti sibna ruħna fil-lukanda komda, nadifa u mill-iżjed ċentrali, mhux iktar minn sitt minuti bogħod mill-Grotta. Ħadna l-kmamar u b'ġirja waħda, għalkemm kien għadu d-dlam erħejnielha lejn il-Grotta tal-Madonna. għidna flimkien it-talb tal-bidu u irnexxielna mmorru nqaddsu minnufih f'waħda mill-kappelli żgħar u ħelwin li hemm fil-Knisja ġdid ddedikata lil Santa Bernardetta.

Peress li kienet ġurnata mill-isbaħ ippruvajna nagħmlu l-programm sħiħ kollu b'konnessjoni mal-Madonna biex b'hekk inserrħu rasna, li f'każ ta' maltemp ma nkunu tlifna xejn.

Fl-ewwel ġurnata għamilna flimkien il-Via sagra li titla' sserrep ma' għolja miksija kollha siġar ħadrana. Żorna flimkien it-tlett knejjes mibnija waħda fuq l-oħra kif ukoll inżilna naraw il-Knisja ddedikata lil San Piju X li tinsab taħt l-art. Wara nofs in-nhar ħadna sehem fil-purċizzjoni tas-Santissimu Sagrament jew aħjar kif isibuha ħafna, l-purċissjoni tal-morda. Wara żorna id-djar ta' Santa Bernardetta kif ukoll kellna xi ftit ħin liberu. Wara ċ-ċena, bil-flambeaux f'idejna ħadna sehem fil-purċissjoni mill-iżjed sabiħa li titlaq minn quddiem il-għar tal-madonna u tispiċċa quddiem is-santwarju. Fil-10.30p.m, għajjiena imma kuntenti, morna għall-mistrieħ fil-lukanda.

Fit-tieni jum kellna mill-ġdid programm mimli u nteressanti. Wara l-breakfast kulħadd għall-Pixxina u wara ltqajna fil-11.00a.m. biex qaddisna fil-kappella tas-Sagrament fis-Santwarju tar-Rużarju. Wara ħadna ritratt tal-grupp kollu. Fis-2.30p.m. tlaqna lejn il-Grotti ta' Betherram, u żorna ukoll is-Santwarju tal-Madonna ta' Betherram. Wara iċ-ċena erġajna ħadna sehem fil-purċissjoni ta' filgħaxija.

Fit-tielet jum qomna kmieni peress li l-Arcipriet tagħna kien akkwista l-permess li jqaddes bil-Malti għall-Grupp tagħna fil-Grotta ta' Lourdes. Il-quddiesa tmexxiet mill-membri tal-grupp tagħna. Kienet ħaġa li ma titfissirx tisma' l-quddies bil-lingwa tiegħek f'dan il-post hekk għażiż. Wara kien hemm ħin għax-shopping u fil-10.00a.m. ħadna sehem fil-quddiesa internazzjonali li ssir fil-Bażilika San Piju X. Wara l-pranzu morna ħarġa ġol-muntanji ta' Pont d'Espagne. Ħarġa li ma ninsew qatt: waterfalls kullimkien, xenarju mill-aqwa. Waqafna fir-raħal ta' Larierre fejn stajna nduqu l-ħelu u x-xorb li jagħmlu n-nies ta' hemm. Kull min kellu camera tar-ritratti kellu biex jixxala. Wara li ġejna lura lejn Lourdes, ħadna sehem mill-ġdid fil-purċissjoni ta' filgħaxija. Iltqajna ukoll ma' l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca Arcisqof ta' Malta li kien qed jakkumpanja lill- morda Maltin u mxejna miegħu matul il-purċissjoni.

L-aħħar jum kien totalment differenti. Wara l-breakfast żorna il-belt kummerċjali u amministrattiv ta' Lourdes. Dħalna fil-Knisja Parrokkjali u dritt wara kulħadd intilef jixtri fil-mercato li hemm f'din il-belt. Wara l-pranzu morna Bartres, ir-raħal ċkejken fejn Bernardette għaddiet l-ewwel snin tagħha u fejn kienet ukoll irritornat meta kibret. Żorna d-dar ta' dik li ħadet ħsiebha u qaddisna fil-Knisja parrokkjali ta' Bartres. Erġajna lura biex wara li ipakkjajna kollox fil-bagalji u mlejna l-aħħar fliexkem bl-ilma ta' Lourdes, ħadna sehem għall-aħħar darba fil-purċissjoni Aux Flambeaux, sellimna lil madonnau raddejnielha ħajr ta' din iż-żjara hekk sabiħa u li ma ninsew qatt, u tlaqna lejn l-Airport ta' Lourdes biex tirna lejn Malta.

Kien pellegrinaġġ li ħalla effett fina lkoll. L-organizzazzjoni kienet eċċellenti, lukanda mill-aqwa. Mhux ta' b'xejn li numru kbir ta' nies, fosthom uħud li kien f'dan il-pellegrinaġġ diġa ibbukkjaw għall-pellegrinaġġ ieħor li jekk Alla jrid nagħmlu fis-sajf li ġej.

# SUĊĊESSI GĦALL-CHOR

Il-membri tal-"Chorus Urbanus" għal darb'oħra reġgħu għexu ftit tas-sigħat glorjużi qrib il-Papa Ġwanni Pawlu II, waqt udjenza fis-Sala Nervi, fejn kellem lill-eluf u eluf ta' pellegrini nhar l-Erbgħa 8 t'Awwissu 1990.

Wara li-'Chorus Urbanus' ħa sehem fil-Kor Nazzjonali Għawdxi li kanta fil-Quddiesa tal-papa ġewwa Ta' Pinu f'Mejju li għadda, l-istess kor ħalla lill-malta fuq titjira tal-Air Malta nhar it-3 t'Awissu, biex jagħti bidu għall-impenji wisq prestiġġjużi f'Ruma u l-Vatikan. L-istedina ufficcjali biex il-Kor tal-Bażilika ta' S. Ġorġ jitla' jkanta fl-Italja waslet f'Mejju.

L-ewwel servizz li l-Kor kellu f'Ruma kien il-Ħadd 5 t'Awissu waqt quddiesa kantata fil-parroċċa ta' San Lorenzo in Damaso fuq l-istedina tal-Arcipriet bħala parti mill-festi tal-patrun S. Lawrenz. Il-fidili preżenti nfexxew f'capip hekk kif l-Arcipriet rringrazzja l-kor tal-eżekuzzjoni li kien għadu kif ta.

L-għada t-Tnejn, 6 t'Awissu, Sollenità ta' Kristu Salvatur u it-tnax l-anniversarju mill-mewt ta' Pawlu VI, il-Chorus Urbanus ħa sehem f'konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Arcisqof Virgilio Noè, Segretarju għall-Kongregazzjoni tal-Kult Divin. Preżenti għall-din il-funzjoni kien hemm l-Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede l-E.T. Dr. Alexander Cachia Zammit. Ta' min isemmi li waqt din il-quddiesa kien hemm mijiet ta' pellegrini li ħonqu l-parti ta' ġewwa fil-Bażilika ta' San Pietru, li tiġi quddiem l-altar titulari għad-dell tal-Bernini. Kif ikkument Mons. Noè, xejn ma kien normali li n-nies preżenti japplawdu fit-tmiem tal-quddiesa. Il-'Chorus Urbanus' taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea esegwixxa l-kant b'teknika u espressjoni kbira li ġiet apprezzata ferm minn dawk preżenti.

Wara l-funzjoni saret preżentazzjoni ta' rigali lill-Mons. Arcisqof Noè u s-Segretarju tiegħu Don Vittorio, fl-awla tas-Sagristija maestuża tal-Bażilika. Dawn kienu jikkonsistu f'bicciet ta' pittura tal-artist żagħżugħ Austin Camilleri, membru tal-istess Kor.

Immedjatament wara sar kuncert fil-Bażilika, li barra l-'Chorus Urbanus' ħadu sehem is-Sopran Yvonne Galea u l-Baxx Noel Galea. Awgurju sabiħ għas-surmast Galea, kien meta l-organista tal-Vatikan Padre Mro. V. Serrao, li daqq l-orgni waqt ir-risponsi tal-quddiesa, talab il-kompożizzjonijiet ta' Mro. Galea biex jibqgħulu tifkira dejjiema ta' din is-serata u żvela li l-quddiem hemm possibiltà li jiġu esegwiti fl-istess Bażilika.

**Fis-Sala Nervi**

Pero' l-iktar mument mistenni, l-ħolma u l-ambizzjoni ta' kullhadd, kien meta l-*CHORUS URBANUS* li ġie mistieden uffiċċjalment biex ikanta fis-Sala Nervi, ta kunċert ta' kant waqt l-uddjenza Papali. Il-Kor ġie allokat post prominenti fuq quddiem, tefa' ta' ġebla 'l bogħod mill-Papa. Kien l-ewwel kor Malti li kanta l-Innu Uffiċċjali taż-żjara tal-Papa ġewwa l-Vatikan,


Il-Kor f'San Lorenzo in Damaso


Is-Sopran Yvonne Galea waqt il-kuncert


Il-Baxx Noel Galea waqt il-kuncert


Il-Papa mal-Kor, flimkien ma' l-Ambaxxatur


Il-Kor f'Sala Nervi

# US URBANUS F'RUMA





Il-Kor f'San Pietru



. A. Cachia Zammit u Mons. Arc. Salv Borg. **Inst:** Tberik u prezentazzjoni tal-Kwadru lill-Papa




Il-Kor fi pjazza San Pietru f'Ruma

kompożizzjoni ta' Roseann Dimech li anke' akkumpanjat lill-kor fil-mawra tiegħu f'Ruma.

Fid-diskors tiegħu, il-Papa għamel aċċen għall-kant esegwit mill-Chorus Urbanus waqt l-udjenza u qal:

*" My greetings and thanks also go to the Chorus Urbanus from Gozo in Malta. You have helped us lift our hearts and minds to God with your joyful singing."*

(Ara rapport 'Osservatore Romano' pg.5, 9-8-90)

Mal-isem ta' Malta, il-Kor kanta l-Innu Malti a quattro voci - dan kien ta' sodisfazzjon immens għal kull Malti li dak il-ħin kien preżenti fis-Sala. Sodisfazzjoni li fi kliem l-E.T. Dr. Cachia Zammit "Dak il-ħin għajnejja ntlew bid-dmugħ man-noti ħelwin tal-preghiera (Innu)"

Qrib ħafna tal-Papa fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, kien hemm espost għall-pubbliku l-kwadru ta' pittura, xogħol ta' Austin Camilleri, li "Chorus Urbanus" irregala lill-Papa. Dan l-istess kwadru merfgħuh mis-Sur Carmel P. Grech, President tal-Kor, u Sur Simon Abdilla Joslin, Assistent Direttur Onorarju, ġie mbierek mill-Papa qabel il-Preżentazzjoni. Ftit wara bierek ukoll il-bandiera Maltija.

Wara li l-Papa kellem u ferraħ lill-Ambaxxatur, lill-Arcipriet Mons. Salv Borg u lill-Mro. John Galea, dar u kellem lill-membri tal-Kor. Dan il-mument kien l-aktar ħin singolari u prestiġġjuż li żgur jibqa jgħix f'moħħ kull min kellu x-xorti u jifforma parti mill-"Chorus Urbanus". Kif jaf kulħadd il-Papa għandu post speċjali f'qalbu għat-tfal u dan rajnieh meta għannaq u biex il-ħamest itfal, ulied membri tal-Kor li kienu qed jerfgħu l-Bandiera Maltija. Kien tassew ġest kommoventi ħafna.

Il-mużika esegwita tul din il-mawra korali kienet ta': Palestrina, Viadana, Victoria, Pergolesi, Handel, Shaw, Boyer, Dubois, Camilleri, Dimech u tas-surmast Direttur John Galea li kellu x-xorti wkoll li jakkompanja lill-istess kor fuq l-orgni maestuż tal-Vatikan.

Fil-ġranet li l-Kor għadd f'Ruma, kellu l-okkażjoni li jżur bosta postijiet ta' devozzjoni, kultura u divertiment fosthom il-Bażilici tal-Lateran, Santa Maria Maggiore, Santa Croce in Gerusalemme, San Giorgio al Velabro, Scala Santa, il-Mużew u t-Teżori tal-vatikan, il-Kolossew,. Foro Romano, l-Luna park EUR u Villa d'Este, Tivoli.

***Il-Bord Editorjali jinaqgħad mall-Kumunita' Parrokkjali biex jifraħ lil CHORUS URBANUS għas-suċċess taż-żjara tiegħu f'Ruma filwaqt li Jirringrazzja lid-Diriġenti u Membri tal-Kor għas-sagrifiċċju li jagħmlu biex jagħtu s-servizzi tagħhom fil-Bażilika matul is-sena fil-funzjonijiet Liturġiċi.***

# Preżentazzjoni ta' Marċ lil Banda LA STELLA



Is-Sur Frank Galea, emigrant Għawdxi li din is-sena reġa' lura f'pajjiżu għall-btajjel tas-sajf, dan l-aħħar irregala marċ ġdid lill-Banda Cittadina La Stella t'Għawdex. Il-marċ iġib l-isem "L-Emigrant" u huwa xogħol tal-kompożitur Malti Anthony Galea.

Il-preżentazzjoni tal-marċ saret mis-Sur Galea innifsu lis-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà La Stella.

Frank Galea, min-Nadur, huwa ammiratur kbir tal-Banda La Stella.

# Żjara mill-Kard. Casoria



Fl-okkażżjoni tal-Festa tas-Salvatur fis-6 ta' Awissu li għadda l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Giuseppe Casoria mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru fil-Bażilika tagħna. Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni Mons Arcipriet ippreżenta rigal (ritratt) lill-Kardinal bħala tifkira ta' din iż-żjara.

### *INSELLMU LILL-AVUKAT GEORGE ZAMMIT*

Il-Bord Editorjal ta' "IL-BELT VICTORIA" jixtieq isellem lill-avukat George Zammit li ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar is-Sibt 21 ta' Lulju 1990. Fil-waqt li ngħatu l-għomor lil martu u lil uliedu ser nippubblikaw sunett li huwa stess kien kiteb u qara f'diskors li għamel fil-Bażilika tagħna fl-okkażżjoni tal-festi ċentinarji tal-kwadru titulari tagħna.

*Narak, għadek kif qbiżt, bix-xabla f'idek,*
*Minn fuq iż-żiemel abjad u sabiħ,*
*Fuq fommok talb ta' radd il-ħajr lil Sidek,*
*F'għajnejk id-dawl ta' kavalier rebbieħ.*
*Rebbieħ fuq min taħt difru kien iridek,*
*Suldat ta' Kristu fi twemminek sħiħ;*
*Għax fi Kristu poġġejt ġiħek u ġidek*

*U, f'wiċċ il-mewt, qalbieni bqajt, għalih.*
*Għalhekk, fuq dak il-wiċċ l-hena tas-sema*
*Isejjaħ għat-taqbida lit-tajbin*
*Biex wirt it-twemmin tagħna le jintrema';*
*U biex, igħaddu kemm igħaddu ġrajja u snin,*
*L-għajta tiegħek ta' rebħ tibqa' tinstema*
*U aħna nibqgħu, miegħek, rebbiħin.*

# Donazzjonijiet għar-Rivista



Dan il-grupp ta' emigranti fl-Istati Uniti filwaqt li qed jiċċelebraw il-festa ta' San Ġorġ, għoġobhom jibgħatulna donazzjoni bejniethom ta' Mija u għaxar Dollari. Dawn l-emigranti huma: Joe Grech, Paul Galea, Anthony Grech, Edwin Camilleri, Hoe Galeam Carmel Galea, Frank Muscat, Anton Pace, Carmel Borg, Tony Cassar, Joe Formosa, Tony Camilleri, Joe Said u Carmel Dimech. Filwaqt li nirringrazzjawhom, nitolbu għalihom u nawgurawlhom kull ġid u barka.

**Donazzjonijiet oħra li rċivejna kienu dawn:**
Saviour Galea : 50 Aus.$; N.N. : Lm1; Madalen Attard: 50 Aus$; Sam Galea: 20 US$; Dolindo Sciberras: Lm10; Rev. Can. Coronato Grima: Lm2; Ġorġ Borg (Toronto): Lm5; John Borg (Ontario): Lm5; Joseph Grech (California): 20 US$. *Nirringrazzjawhom.*

## Rokna għat-Tfal

Għeżież Tfal,

Kif intom? Għandi nifhem li tinsabu tajbin u mistrieħa biżżejjed biex tisgħu tibdew sena skolastika ġdida. Nittamaw li tagħmlu użu tajjeb mill-ħin u mill-mezzi li għandkom biex din is-sena tkun ħafna aħjar minn ta' qabilha, fil-qadi ta' dmirijietkom, fl-istudju, fir-riżultati, fl-imġieba fil-klassi, ecc. Mezzi biex tirnexxu bil-għaqal biżżejjed biex tużawhom.

Ħalli ngħidilkom storja, anzi ħrafa. F'għadira ckejna kien hemm jgħix xi ħut żgħir. Waħda minnhom ma kinitx taf xi tfisser il-kelma "ilma" u għalhekk bdiet tistaqsi lil sħabha għax riedet tkun taf. Iżda l-ebda ħuta m'għarfet tgħidilha u tfissrilha dak li xtaqet, għax ħadd minnhom, bħalha, ma kien jaf xi tfisser il-kelma "ilma".

Il-ħuta ddejqet li ma tawhiex tweġiba. Bdiet taħseb x'setgħet tagħmel. Fl-aħħar, iddecidiet li tmur tgħix fil-baħar. "Hemmhekk", qalet, "ikun hemm ħafna ħut kbir u dawn żgur ikun jafu!" Hekk għamlet. U dlonk kif sabet ruħha tgħum f'dak il-baħar immens, bdiet tistaqsi lill-ħut l-oħra xi tfisser il-kelma "ilma". Damet ħafna ddur u tistaqsi, iżda hawnhekk ukoll ħadd m'għaraf jagħtiha tweġiba. Kienet għodda qatgħet qalbha, meta fl-aħħar iltaqgħet ma' balena, ħuta daqshiex! "Din xiħa, żgur tkun taf!" lissnet il-ħuta. Meta l-balena semgħetha tistaqsiha mistoqsija bħal dik, stagħġbet, daret fuqha bil-herra u qaltilha: "Imissek tistħi, ma tafx xi tfisser il-kelma "ilma", ma tafx x'inhu ilma!" U ssuktat tgħidilha: "Dan, ara, huwa l-ilma, dan li qegħda tgħum fih, dan li hawn madwarek!" Il-ħuta ckejkna stħat għax għarfet kemm kienet belha li qatt m'għarfet x'inhu l-ilma.

Ara ma jiġrilkomx bħal din il-ħuta! Għax jista' jiġri li tkunu mdawrin b'ħafna mezzi tajbin li jservukom għall-ħajja, u ma tagħrfuhomx. U jekk ma tagħrfuhomx, ma tkunux tistgħu tużawhom. Mela qisu li tkun tafu sewwa x'inhu t-tajjeb li jista' jgħinkom biex ħajjitkom tkun success f'kollox , u tuzawh.

Nawguralkom sena skolastika tajba, anzi mill-aqwa! Tħallu lil ħadd joħroġ diżappuntat minħabba fikom.

Tata'
Iz-Ziju Peppi

*L-abbati mill-Bażilika tagħna IAN PORTELLI kien fost il-grupp ta' abbatini li din is-sena ukoll taw is-servizz tagħhom fil-Vatikan.*



*Fir-ritratt Ian Portelli jidher qed jiġi milqugħ mill-Q.T. il-Papa fil-laqgħa li l-abbatini Maltin kellhom qabel ma' l-Papa telaq għall vjaġġ tiegħu fl-Afrika.*

### Imbierka l-familja....

Li titlob flimkien
għax tibqa' magħquda flimkien.

Li tħares Jum il-Mulej
għax tingħaqad fil-Glorja tas-Sema.

Li ma tfittixx divertimenti fiergħa
għax tgawdi hena u paċi.

Li ma jkunx hemm fiha ġlied u dagħa
għax tkun imfawra bil-Barka t'Alla.

Li tersaq lejn il-Qrar u t-Tqarbin
għax Kristu fiha jsaltan kull ħin.

Li fiha l-ulied iħobbu t-Tagħlim Nisrani
għax fihom tikber dejjem il-Fidi.

Li terfa' bis-sabar il-mard u s-slaleb
għax Kristu jfarragħa fil-hemm u t-tiġrib.

Li fiha hemm trobbija tajba
għax il-membri tagħha għad jaraw wiċċ Alla.


# Calypso Fair '90

**FIL-KUMPLESS TAT-TEATRU ASTRA**
**5 - 6 - 7 ta'Ottubru**

*Issib minn kollox għal kulħadd . . .*

# SUĊĊESS GĦALL-GRUPP FOLKLORISTIKU ASTRA





Isem Malta reġa' kien għal darb'oħra fix-xena internazzjonali aktar kmieni dan ix-xahar, din id-darba permezz tal-kamp kulturali. Fil-Festival Internazzjonali tal-Folk, li nżamm fi Glasgow bejn it-2 u t-8 ta' Lulju, Malta kienet denjament rappreżentata mill-Group Folkloristiku t'Għawdex, Astra, group li litteralment seraq il-qalb tal-Iskoċċiżi u l-għadd kbir ta' barranin li segwew il-Festival għall-ispettaklu li rnexxielu joħloq permezz tal-kant u ż-żfin tradizzjonali Malti.

Is-sehem tal-Group Astra f'dan il-Festival internazzjonali kien wieħed tabilħaqq impressjonanti. Kull fejn deher, il-Group intlaqa' tajjeb ħafna, tant li spiċċa biex jiddistingwi ruħu bħala wieħed mill-aqwa gruppi li qatt ipparteċipaw f'dan il-Festival.

Diriġenti tal-Kumitat Organizzattiv tal-Festival irriferew għall-Group Folkloristiku Astra bħala "il-Group li ħoloq l-aktar atmosfera brijuża u divertenti", "l-ensemble spettakoluż u mimli ħajja mir-reġjun tal-Mediterran", "l-għaqda ta' żgħażagħ ferrieħa u simpatici Maltin li lejhom il-poplu tagħna għandu kull ġieh u rispett".

Ħames gruppi folkloristici mill-Germanja, Spanja, Ingilterra, l-Irlanda u l-Austria, ħadu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festival, li kien mifrux ma' diversi lokalitajiet fl-inħawi tal-provinċja ta' Strathclyde. Il-Festival din is-sena ngħata dimensjoni akbar mill-imgħoddi perss li Glasgow ġiet maħtura bħala l-Belt Kulturali Ewropeja għall-1990.

Matul il-ġranet tal-Festival l-Group Astra ippreżanta tnax-il Show, uħud minnhom f'tejatri, ċentri tal-anzjani u Rehabilitation Centres tal-Handikappati. Il-Group ingħata pubbliċità kemm fl-istampa kif ukoll fix-xandir; f'żewġ okkażjonijiet ġie intervistat għar-radio waqt li waħda mix-Shows ġiet iffilmjata minn stazzjon tat-Television.

Okkażjoni partikolari u waħda memorabbli għall-Group Astra kienet iċ-ċerimonja grandjuża tal-egħluq tal-Festival, meta l-Group Għawdxi ġie nominat minn fost il-gruppi l-oħra biex jagħti l-aħħar wirja ta' kant u żfin fil-palazz rinomat, People's Palace, Winter Garden. L-għażla ma setgħetx ma tħallix sodisfazzjon enormi fost il-membri kollha tal-Group.

Il-Group Astra kien akkumpanjat f'din iż-żjara mill-kantanta tiegħu, Adelina Attard, li wkoll ħalliet impressjoni tajba fil-kant kollu li interpretat. F'bosta okkażjonijiet il-Group kien il-mistieden tal-Lord Provost ta' Glasgow f'għadd ta' riceviment li ngħataw għall-okkażjoni, waqt li fil-ħin liberu tiegħu, il-Group ittieħed iżur diversi postijiet ta' interess storiku. Saret ukoll 'excursion' għal Edinburgh. Qabel ma l-Group Astra ġie lura Malta, għamel waqfa qasira f'Londra.





## Cassette tape ġdid mill-Grupp Folkloristiku ASTRA

Il-Grupp Folkloristiku Astra, lura Malta wara li dan l-aħħar irrappreżenta lill-Gżejjer Maltin fil-Festival Internazzjonali tal-Folk li nżamm fil-belt ta' Glasgow fl-Iskozja, ħareġ għall-bejgħ l-ewwel Cassette tape tiegħu ta' kant u mużika tradizzjonali. Il-cassette li jġib l-isem **GĦABEX** jiġbor fih dsatax il-għanja li wħud minnhom inkitbu jew ġew addattati għall-grupp minn Mro. Joe Vella. Oħrajn huma xogħol ta' Mro. Paul Arnould u Joseph Bezzina - dan ta' l-aħħar leader tal-Orkestra tal-Grupp. Il-versi ta' l-għanjiet kollha huma tal-Kan. Joe Mejlak.

Flimkien mal-kor, tieħu sehem il-kantanta solista tal-Grupp, Adelina Attard.

**L-Għabex** jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet ewlenin tad-diski kif ukoll mill-Każin tal-Banda La Stella., Victoria.

## Lotterija Karozza MAZDA 121

**Titla fis-26 ta' Novembru 1990**

***Għin lill-Parroċċa b'cans li tirbaħ INT***